**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 73/2018**

**Illum: 16 ta' Marzu 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**Paul Scicluna**
**ID: 448079(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Paul Scicluna, iben Mario u Tessie nee' Bonello, imwieled il-Pietà nhar il-21 ta' Awwissu, 1979, residenti gewwa 11, Sqaq Srejdek, Bormla u detentur tal-karta tal-identita` numru 448079(M);

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Marzu, 2018, ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs) gewwa sit ta' kostruzzjoni gewwa l-Auberge D'Italie fi Triq il-Merkanti fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' diversi bicciet tal-ghodda ghad-dannu ta' Francis Xuereb u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin

centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin, persuna ghad-dannu ta' Rose Gatt u Dishial Scicluna u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 261, 267, 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali skont l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami tieghu skont il-ligi, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija tal-imputat u li huwa kkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni taghha, kif ukoll mill-banda l-ohra n-natura serja tal-ewwel imputazzjoni, kif ukoll illi huwa recidiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 20, 31, 49, 50, 261(c), 261(d), 261(f), 267, 268, 270, 279(a), 280(1) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija effetiva.

Tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi l-hati ghandu jinghata l-ghajnuna kollha li jkun jehtieg, inkluz dik psikologika jekk ikun il-kaz.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat